KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801

Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 57, miżmuma nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju 2018 fil- 18.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Fenech — Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Daniel Grima — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Edward Bugeja — Kunsillier

Membri Skużati:

- Mandy Buhagiar — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunisllier
- Rodney Galea — Kunsillier

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

# AĠENDA 57

57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

57.2 Deċizzjonijiet dwar kif se tiġi ndirizzata s-sitwazzjoni ta l-iskart fil-lokal

57.3 Tmiem tal-laqgħa

---

# Minuti 57

## 57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsillier Paul Buġeja qajjem point of order u qiegħed jiġbded l-attenzjoni li qedin isiru ħafna laqgħat b'urġenza u qiegħed jipproponi li issir laqgħa formali kull ħmistax jew kull gimgħa hekk skond il-bżonn. Irrimarka ukoll li l-Kunsilliera li ma attendietx il-laqgħa minħabba attivita organizzata mil-Kunsill mhiex valida. Wara dan il-Kunsillier Graziella Galea għamlet point of order li id-data tal-attivita ijlha ffisata numru ta'gimgħat u ma kienx jgħamel sens li tinżamm laqgħa propju f'din il-ġurnata. Il-Kunsillier Graziella Galea irimarkat li laqgħa urġenti trid tinżamm sa mhux aktar tard minn tlett tijiem mid-data tat-talba. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif verbalment talbet id-Dipartiment għal għajnuna iżda ma kien hemm ħadt li seta' jattendi.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa biex jiġi ċċekjat fi xhin ser tispiċċa l-attivita ta' L-anzjani.

Is-Sindku, qrat l-ittri tal-apologiji fejn Il-Kunsillier Antoinette Bezzina kienet qedgħa tieħu sehem f'attivita tal-Kunsill, Il-Kunsillier Joseph Vella kellu impenji ta' xogħol, Il-Kunsillier Rodney Galea u Mandy Buħaġiar ma jifilħux u il-Kunsillier Alfred Grima kien imsiefer.

## 57.2 Deċizzjonijiet dwar kif se tiġi ndirizzata s-sitwazzjoni ta l-iskart fil-lokal

Is-Sindku nformat kif il-Gimgħa l-oħra saret laqgħa ma' l-Onorevoli Silvio Parnis u l-Ministru Deo Debattista fejn fiha kienu preżenti Is-Sindku, L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv u il-Kunsillier Robert Piscopo, u il-Kunsillier Alfred Grima.

Il-Kunsill Lokali talab lid-Dipartiment jinforma bil-miktub kif lest li jgħin il-lokalita tagħna. Is-Sindku qrat l-imejl li ntbatet fil 11 ta' Mejju 2018 dwar il Blitz cleaning, inkluz id-deskrizzjoni tas-servizzi kif ukoll il prezz li qedin jitolbu. Hekk kif jidher hawn taħt:

*The Cleansing and Maintenance Division is ready to offer a one time clean up, which takes approximately four weeks, covering the following duties in the areas of Xemxija, San Pawl il-Bahar, Bugibba and Qawra:*

- *an extra refuse collection service at 17.00pm from Monday to Sunday. All dumping fees included in the cost.*

- *a street sweeping exercise covering all roads in these areas against a schedule to be agreed upon from Monday to Sunday*

- *street washing exercise by using cleaning chemicals along the promenade, bay square and bus terminus each and every night. To agree on the schedule*
- *washing of all the litter bin infrastructure and street furniture with hot pressure*
- *grass cutting works in all the residential areas*
- *removal of illegally dumped waste in the same areas*
- *cleaning of all the public toilets once weekly with a power wash and an additional service of mobile cleaning twice daily*

*All the above services are to be given against a charge of € 147,000 inclusive of Vat for a period of one month.*

Is-Sindku informat li aktar kmieni provat tikomunika mad-Direttur Ramon Deguara biex tinnegozja l-prezz mitlub ta' €147,000, kif ukoll titlob *breakdown* dettaljata tas-servizzi ofruti.

Il-Kunsillier Graziella Galea spjegat li dan is-servizz il-Kunsill ma jistax iħalsu kull xagħar għaliex jekk tgħamel €147,000 x 12 il-xagħar u tqablu mal-allocation tigi break even u b'hekk il-Kunsill jaghmel biss dawn ix-xogholijiet. Spjegat ukoll li x-

xogħol li jsir grass cutting *"grass cutting works in all the residential areas"* mhiex cara u hemm bżonn ta' kjarifika li tispjega eżatt fejn ser isir l-qtugħ ta' ħaxix.

Il-Kunsillier Robert Piscopo spjega li l-proposta li ofrew id-Dipartiment tal-Cleansing flimkien mal-proposta li jkolna għajnuna ta' infurzar mil-Puluzija hija Spring Cleaning li ser issir darba biss sabiex jinqata l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ. Kompla jgħid li dan is-servizz ta' Blitz Cleaning mhuwiex garanzija lir-residenti li mhux ser ikolna ħmieġ għal sajf sħiħ. Żied ukoll li ma jaqbilx li l-Kunsill għandu joqgħod jinneġozzja l-prezz mid-Dipartiment tal-Cleansing.

Is-Sindku nformat li xi uħud mis-servizzi qedin jingħataw lil-kunsilli oħra b'xejn. Dan ġie kkonfermat mil-Kunsillier Graziella Galea.

Il-Kunsillier Graziella Galea kompliet tgħid li jekk ser tiżdied kollezjoni tal-iskart wara nofinhar għal ftit ġimgħat biss il-lokalita tispiċċa bi problema akbar għax in-nies jibqaw joħorġu l-iskart f'dak il-ħin anka wara dawn il-ftit ġimgħat. L-ADSE spjegat li hawn għandu jidħol l-infurzar.

Il-Kunsilliera Graziella Galea u Paul Bugeja qablu mal-Blitz iżda is-somma tista tiġi reveduta.

Is-Sindku ser titlob biex tintbgħat l-informazjoni li ġiet diskussa waqt il-laqgħa rigward l-infurzar għax fl-imejl li ntbaghtet ma kien hemm xejn miktub.

Il-Kunsillier Paul Bugeja issuġġerixxa li jekk il-Kunsill għandu l-finanzi bizzejjed, għolja kemm hi għolja it-tindif għandu jsir għax il-lokalita għanda bżonn tindifa tajba.

Is-Sindku Anne Marie Fenech informat li bħalissa l-Kunsill qiegħed iħallas €65,000 fix-xahar għat-tindif.

L-ADSE informat li din il-Blitz Cleaning saret fil-lokalita ta' San Giljan u tal-Belt Valletta u tidher ħafna d-differenza.

Il-Kunsillier Graziella Galea għamlet Point of order fejn staqsiet jekk din l-offerta taqax taħt id-Direct Order. L-ADSE Elke Sghendo li Direct Order ta' dan it-tip trid tgħaddi minn proċess ta' evalwazjoni li trid tgħaddi mid-Dipartiment tal-Finanzi li jista jieħu madwar erba' ġimgħat. Il-Kunsillier Galea kompliet tgħid li hija *All Out* għal indafa iżda ma tixtieqx li jinkisru il-liġijiet.

Il-Kunsillier Graziella Galea tinnota diskrepanza kbira fl-ammont li qiegħed iħallas il-Kunsill bħalissa ma dak mitlub, u li l-Kunsill ma jistax jgħamel użu minn dawn is-servizzi kull xahar minħabba l-allokazzjoni tal-flus. U li jekk dawn is-servizzi diġa jaqgħu taħt tenders attivi l-Kunsill ser ikun qiegħed iħallas kollox doppju.
Kompliet tgħid li huwa tajjeb li jkun hemm servizz fil-ħamsa iżda temmen li jkun hemm side effects koroh ta' dan is-servizz miżjud, speċjalment tat ezempju li l-kollezjoni tibqa sejra sa tard bil-lejl meta in-nies ikunu barra qedin jieklu etc

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk il-qadgħa finanzjajrja preżenti tal-Kunsill tiflaħx din l-ispiza u l-ADSE weġbitu li tista issir.

Il-Kunsillier Robert Piscopo propona li tgħaddi sabiex issir f'qasir zmien. Għandna tiġi preżentata quddiem il-bord tal-Finanzi malgħajr sabiex nevitaw il-burokrazija. Għandhom anke jinformawhom bit toroq lli għandom l'iktar bzonn.

Il-Kunsillier Paul Bugeja rega' stqarr li jekk il-Kunsill qiegħed finanzjarjament tajjeb isir it-tindif meħtieġ sabiex niprovaw nevitaw l-attakki kollha rigward il-ħmieġ, speċjalment minn fuq is-social media.

Il-Viċi Sindku Daniel Grim staqsa rigward l-man power li ser ikun hemm għall dan is-servizz u ikkonfermaw li ser ikun hemm ħafna ħaddiema sabiex isir dan it-tindif.
Ġiet sospiza il-laqgħa sabiex titkellem Is-Sna Strout

Deċizjoni
Il-Kunsillier Galea informat li s-sena l-ohra 'natghu xi servizzi bħal ġbir ta' skart u knis b'xejn.
Il-Kunsillier Paul Bugeja rega' sostna li jekk il-Kunsill qiegħed f'qadgħa tajba din il-Blitz Cleaning għanda issir mingħajr kundizzjonijiet ta' xejn.
Il-Kunsillier Galea staqsiet jekk L-MTA kienux preżenti għal laqgħa  l-ADSE wieħbet li ma kienux iżda xorta qedin jatuna l-għajnuna tagħhom.

Kien hemm qbil unanimu li jekk il-Kunsill għandu il-fondi biżejjed din il-Blitz Cleaning għandha sseħħ.

Sindku kompliet tgħid li ser tiprova tinnegozja l-prezz u tikkonferma l-infurzar.

Tmiem tal-laqgħa

<IFFIRMATA>

____________________

Anne – Marie Fenech
Sindku

<IFFIRMATA>

_________________________

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv